# IL-MALTIN FL-EĠITTU

Ġorġ Aquilina OFM

## Nota Bibliografika

Il-Missjoni ta' l-Eġittu mill-bidunett tagħha kienet parti mill-Kustodja [Provinċja] Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa, bil-Kunvent Kustodjali [Provinċjali] f'Ġerusalemm, u dan sa l-1992 meta l-Eġittu sar Provinċja Franġiskana awtonoma. It-tagħrif uffiċjali dwar il-patrijiet Franġiskani Maltin li ħadmu fl-Eġittu jinsab fl-arkivju ta' Ġerusalemm, kif ukoll *in situ,* f'dawk il-kunventi li għadhom jeżistu fl-Eġittu sa llum. Ħafna mill-materjal tal-Kunventi li kellhom jagħalqu, illum jinsab f'Kunventi oħrajn.

Il-Provinċja ta' l-Art Imqaddsa, li sa mill-qedem kellha l-istamperija tagħha, ma naqsitx li minn żmien għal żmien toħroġ, taħt diversi għamliet, informazzjoni stampata tal-missjonijiet kollha fil-territorju tagħha. Hekk Patri Ġorġ Scerri OFM minn dan il-materjal u stampati oħra, tana l-ewwel tagħrif estensiv dwar dawk il-patrijiet Maltin li ħadmu f'din il-Provinċja missjunarja: kemm fil-Kunventi Santwarji, kif ukoll mis-seklu dsatax ta' dawk li ħadmu fl-Eġittu, Rodi, Korfù u Ċipru. Sa mis-seklu XVI niltaqgħu ma' patrijiet Maltin, li dak iż-żmien, bħala Provinċja Franġiskana [sa l-1819] kienu jagħmlu sehem mill-Provinċja tal-*Val di Noto* [Sirakuża] fi Sqallija. Il-Kunventi Maltin f'din id-data saru awtonomi, u bdew jiddependu mis-superjuri f'Malta. Hekk għandna dokumenti dwar il-patrijiet minn dan iż-żmien, li jitfa' dawl fuq il-ħidma li kienu jwettqu, iżda l-kunventi fejn dawn wettqu l-apostolat tagħhom, kienu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kustodju tat-Terra Santa.

Ix-xogħol ta' P. Ġorġ Scerri, dak stampat: *[Malta e i Luoghi Santi della Palestina,* Lux Press 1933] għadda kelma b'kelma f'dak ta' P. Angelo Mizzi, [*Apostolato Maltese nei secoli passati*, Malta 1937], biż-żjieda mill-1933 sa l-1937. B'xorti tajba dwar il-preżenza Maltija fil-Kustodja [Provinċja] ta' l-Art Imqaddsa u fit-territorju tagħha dan l-aħħar saret riċerka estensiva fl-arkivji diversi tal-Kunventi u Santwarji, inklużi dawk ta' l-Eġittu, minn Patri Ewġenju Fenech. Barra minn snin twal missjunarju fl-Amerika Ċentrali [El Salvador u Guatemala] ħadem ma' l-emigranti fil-Kanada u f'diversi Santwarji tal-Palestina. Ix-xogħol tiegħu iġib l-isem, *Malta in the Holy Land XV - XXI Century*. F'dan ix-xogħol, li għadu manuskritt ta' 409 paġni A4, P. Ewġenju ġabar tagħrif dwar dak kollu li hu Malti u b'xi mod preżenti f'dan it-territorju. Dwar l-Eġittu jagħtina tagħrif għall-ewwel darba minn arkivji tal-Parroċċi/Knejjes/Kunventi dwar patrijiet, sorijiet, emigranti, negozjanti, organizzazzjonijiet eċċ, li jissemmew fir-reġistri ta' dawn l-arkivji ekkleżjastiċi. Dan barra minn kitba oħra stampata msemmija f'bibliografija ta' 12 il-paġna. Fosthom il-*Cronaca della Missione, Chiesa, Convento e Parrocchia di S. Caterina in Alessandria di Egitto.* (*dagli inizi all'anno 1956*) miktuba minn P. M. Bellenzier u stampata minn "The Franciscan Centre of Christian Oriental Studies", Cairo-Jerusalem 1996. Ma dan ġabar ukoll tagħrif li kisbu mill-*"Mother Houses"* ta' diversi Kongregazzjonijiet Reliġjużi. Patri Ewġenju miet ħesrem, u kien jonqsu jifli l-korrispondenza u "fonti" oħrajn dwar il-missjunarji fl-Eġittu li tinsab fl-arkivju tal-Provinċja Franġiskana Maltija. Wieħed jittama li l-opra mitqlu deheb, riveduta u miżjuda, ta' Patri Ewġenju, ma ddumx ma tkun ippublikata.

Mela l-fonti ewlenija li minnha ittieħdet din l-informazzjoni għal din il-kitba hija mir-"Reġistri Parrokkjali" u dokumenti oħra ekklesjastiċi, publikazzjonijiet Franġiskani, Maltin u barranin.

**Preżenza bikrija Maltija fl-Eġittu**

Hu fatt storikament approvat li l-popli tal-Mediterran, għal raġuni jew oħra, tħalltu ma' xulxin. U dan minkejja d-differenza tat-twemmin li kull wieħed iħaddan. U l-Maltin baħħru u innegozjaw ma' dawn in-nies. L-Eġittu ma kienx eċċezzjoni, kif lanqas il-fatt li l-Eġizzjani fettxew ukoll il-portijiet tagħna. Bla ma wieħed ifittex kif sar dan mill-qedem, nitfgħu l-ħarsa tagħna fuq il-fatt li barra l-eżistenza ta' bliet kbar bħal Kajr, Lixandra, Kostantinopli u oħrajn li kienu jipprovdu swieq kbar, kien hemm ukoll gżejjer żgħar bħal Malta, li kienu jiddependu għall-għajxien tagħhom fuq il-kummerċ ma' dawn l-ibliet il-kbar. U dan permezz ta' tbaħħir fi staġuni partikulari tas-sena. Ma' dan inżidu l-fenomenu partikulari tal-piraterija u tal-*corso*. Attività meqjusa bħala "sengħa" ta' kif tisraq u xxekkel lill-parti kuntrarja u tbiegħ in-nies bħala skjavi.

In-negozju kien iġib miegħu organizzazzjoni sħiħa, bħalma huwa l-għarfien tal-postijiet, swieq u negozjanti, tibdil ta' merkanzija jew xiri bi flus, flimkien ma' jeddijiet miksubin għażżamma ta' l-mħażen. Dan kollu li qed ngħidu illum hu storikament approvat. Biex nagħtu eżempju, wieħed ta' min isemmi n-negozju tal-qoton ma' l-Eġittu, li kien jipproduċi qoton oħxon li kien jinxtara biex iqalftu x-xwieni. Fil-Belt Valletta kont issib il-ħwienet b'dan il-qoton fi Triq San Pawl, bejn Triq Melita u Triq San Ġwann, li kienet magħrufa bħala t-telgħa jew in-niżla *tal-Masri*, jiġifieri ta' l-Eġizzjan.

Mela l-ewwel Maltin li rifsu l-Eġittu kienu nies tan-negozju u d-dipendenti tagħhom u dawk li kienu waqgħu lsiera. Ma kienux l-emigranti, li b'ta' fuqhom senduqhom, marru jfittxu x-xogħol 'l hinn mill-gżejjer tagħna. In-nazzjonijiet ewropej, Spanja, Franza u oħrajn sa kellhom f'dawn l-ibliet il-kappillani tagħhom. L-Eġittu, f'Lixandra, fl-1628, niltaqgħu ma' Patri Mikiel Albino mir-Rabat (Malta) li kien kappillan, aktarx jieħu ħsieb l-iskjavi. Mhux rari li Maltin li jkunu nqabdu skjavi kienu jsiru Misilmin. Għandna ismijiet ta' wħud li jissemmew mill-Patrijiet li jkunu reġgħu lura lejn il-Fidi. Fl-1633 f'Lixandra wkoll kien hemm residenti Malti, ċertu Giacomo, li kien tabib u li jingħad li kien benefattur kbir tal-patrijiet Franġiskani tal-Kajr. Fl-1662 insibu bħala Superjur tal-Kunvent tal-Kajr lil P. Santu Vella mill-Isla; fl-1673-1712 għandna l-ħidma ta' 39 sena ta' Patri Arkanġlu Zammit li kien ukoll Viċi Prefett Apostoliku ta' l-Eġittu; fl-1680 niltaqgħu ma' P. Antonin minn Malta li kien ukoll Viċi-Prefett.

Minn tmien is-seklu XVII jidher li l-preżenza tal-patrijiet Maltin kienet waħda kontinwa. Kemm ta' nies imwelldin Malta, kif ukoll ulied il-Maltin emigrati fl-Eġittu. F' Damiata nhar is-26 ta' Mejju 1693 miet Patri Mikielanġ Chircop waqt li kien jassisti lill-milqutin mill-pesta . Fl-1697 għadu jissemma' P. Antonin mir-Rabat ta' l-Imdina li diġà semmejna, li jingħad li kien jixtri l-mediċini, jagħmilha ta' tabib u jqassamhom lill-insara, li miet ukoll jassisti fil-pesta fl-1718. Fra Kerubin Mifsud ħadem f'Lixandra [1709-1727]. Fl-1800 miet fil-Kajr bil-pesta wkoll P. Anton minn Malta. Ta' min ifakkar li minħabba l-faċilità tal-lingwi, l-patrijiet Maltin kienu spiss jintbagħtu f'dawn il-missjonijiet partikulari. Xi wħud, bħal P. Arkanġlu Zammit, P. Filibert Agius, li fil-Kajr kienu magħrufin bħala "Professuri ta' l-ilsien għarbi" [E106].

**Il-Maltin li għażlu joqogħodu fl-Eġittu**

Minn tarf is-seklu XVIII tibda tinħass il-preżenza Maltija fl-Eġittu. Naturalment frott tat-taqlib politiku, it-tmiem ta' l-iskjavitù, u fatturi oħra li ippermettew il-prattika fil-miftuħ tar-reliġjon, barra dik Iżlamika. Il-Patrijiet setgħu jibnu knejjes u b'xi mod iserrħu rashom taħt il-ħarsien tal-Konsolati Ewropej li kienu magħrufin. Il-Maltin kellhom il-Konsolat Ingliż. Minn dan il-waqt wieħed jista' jitkellem minn "Emigranti Maltin fl-Eġittu". Minn statistika ta' l-1901 jingħad li l-Maltin fl-Eġittu kienu 6984, u li 521 kienu żdiedu s-sena ta' qabel. Fl-1891 il-Maltin kienu 5593. In-numru kien akbar, imma wara l-bumbardament ta' Lixandra fl-1882, madwar 8000 Maltin kienu reġgħu lura Malta, għalkemm ħafna minnhom kienu rritornaw.

### Lixandra: Santa Katerina

Il-Franġiskani, fl-1320 kienu diġà jinsabu hawn b'mod stabbli. L-ewwel Knisja ta' Santa Katerina inbniet fl-1632, u damet isservi mitejn sena, sakemm inbniet mill-ġdid. L-ewwel Malti li nsibu fl-ewwel Reġistru tal-Magħmudijiet kien Alexander Bianchi fl-1793. Il-patrijiet kienu jħallsu għas-servizz ta' żewġ qwiebel, waħda Maltija u oħra Għarbija. Xi drabi l-faqar kont tmissu b'idejk. U dan jidher sa mill-kontijiet tal-parroċċa fejn, per eżempju, jingħad li l-Konslu Ingliż qed iħallas hu għall-funerali tal-Maltin fqar. Kappillan tal-Maltin ta' Lixandra fl-1838, u wara l-Kajr, insibu lil P. Ġann Pawl Deguara. Dam fl-Eġittu mall-Maltin sa l-1847, meta ġie msejjaħ f'Ġerusalemm. Fl-1851 f'Lixandra l-Ewropej kienu 6490, li minnhom 3940 kienu Maltin li ġew ifittxu x-xogħol.

Nhar it-13 ta' April 1847 tbierket l-ewwel ġebla tal-Knisja l-ġdida ta' Santa Katerina, u daqqet il-banda Maltija quddiem il-kunvent, u sa kien hemm ukoll il-logħob tan-nar. Il-bini kien f'idejn il-perit Fra Serafin minn Baceno li kien mgħejjun mill-imgħallem bennej Fra Nikola Borg mis-Siġġiewi, t-tnejn Franġiskani. Fis-sena ta' wara feġġet il-kolera u bosta ħarbu lejn Malta. Fl-1850 il-bini kien għoddu lest, u fost il-benefatturi jissemma' l-Malti Salvatore Gatt, ħajjat u Terzjarju Franġiskan, li ħallas għall-Kurċifiss u l-istazzjonijiet tal-Via Sagra. Il-kampnar tal-Knisja tlesta fl-1874 u saru l-qniepen fl-Italja.

Fl-10 ta' Lulju 1854, sar il-kuntratt li bih ingħatat lill-Kolonja Maltija l-Kappella ta' San Ġorġ biex tinbidel f'dik tal-Madonna tal-Karmnu, f'din il-Knisja parrokkjali ta' S. Katerina. Il-Fratellanza tal-Karmnu [tal-Maltin] kellha tieħu ħsiebha. Din il- Fratellanza twaqqfet uffiċjalment fl-20 ta' Settembru 1854 u mill-ewwel kellha 52 imsieħba: 23 raġel u 29 mara. Preżenti għall-kuntratt kien hemm P. Bernardin Galea minn Naxxar, kappillan tal-Maltin, u l-fratelli: Achille Vella, Giuseppe Farrugia, Vincenzo Biancardi u Giuseppe Camilleri. Kienet Fratellanza u mhux Terz'Ordni Karmelitan. L-iStatuti tal-Fratellanza ġew approvati minn Mons. Guido Corbelli nhar it-2 ta' Jannar 1889. L-istess Kappella ġiet imġedda fl-10 ta' Frar 1875. Fil-festa kien isir ukoll il-ħruq tal-murtali u l-logħob tan-nar, li mhux kulħadd kien jaqbel miegħu. Nhar il-5 ta' Diċembru l-Fratellanza kellha wkoll Oratorju u maħżen għall-armar, mogħti mill-patrijiet, li jistgħu jeħduh lura meta dawn ikunu jeħtieġuh. Interessanti li mit-13 ta' Frar 1925, jissemma bħala kappillan tal-Fratellanza u tal-Maltin Dun Ġużepp Verzin, qassis djoċesan imħallas mill-patrijiet. Dan juri li fil-komunità ta' S. Katerina ma kienx hemm patrijiet Maltin. Dan is-saċerdot Malti miet Lixandra fl-età ta' 75 sena, u nhar il-21 ta' Frar 1954 sarlu l-funeral f'Santa Katerina.

Fl-1855 twaqqaf l-altar tal-Kunċizzjoni, li kif jidher il-benefattur ewlieni tiegħu kien Pietru Pawl Caruana, għal ħafna snin Ministru tat-Tielet Ordni Franġiskan. Dan miet nhar it-12 ta' Jannar 1904 u fit-testment tiegħu kien ħalla 2000 frank li kellhom jitqassmu lill-foqra, u

b’1000 frank kien waqqaf legat taż-żwieg b’risq żewġ tfajliet foqra Maltin. Bħala eżekutur testamentarju tiegħu kien innomina lill-avukat Malti Mario Vella, li kien ukoll ir-rappreżentant legali tal-patrijiet ta’ Lixandra. Benefattriċi oħra tal-Kunvent kienet il-Maltija Marianna Borg, li kienet ħallietlu 12,656 frank.

Fi ħsieb il-Maltin kienet ukoll mill-1877 il-festa ta’ San Ġużepp. F’dan iż-żmien jingħad li l-patrijiet Maltin kienu tnejn. P. Lwiġi Bonett beda d-devozzjoni, ta’ kull l-ewwel Tnejn tax-xahar, lejn l-Erwieħ tal-Purgatorju fl-altar tal-Kurċifiss, devozzjoni li ġabet magħha l-ħolqien ta’ Fratellanza oħra Maltija. Fl-1896 Carmelo Borg ħallas għall-istendard tagħha. Il-festa tal-Madonna tar-Rużarju kienet tiġi ċċelebrata f’Santa Katerina bi tridu. Fit-tielet jum il-priedka kienet tkun bil-Malti. Frott ta’ l-esperjenza pastorali twila f’Lixandra, fl-1900 P. Bonett stampa l-ktieb: *Direttorio del Convento e Parrocchia di Santa Caterina,* li fih jagħtina tagħrif fit-tul dwar id-devozzjoni u l-Fratellanza Maltija tal-Madonna tal-Karmnu u dwar il-Fratellanza l-oħra Maltija li kien waqqaf hu stess, dik ta’ l-Erwieħ tal-Purgatorju. Nhar it-28 ta’ Mejju 1905, fil-kronaka ta’ S. Katerina jingħad li ġie mfakkar il-25 anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjetà Maltija: *di Solidarietà e Beneficenza*. Fl-1916 reġgħet ingħatat ħajja ġdida lill-*Associazione Sacra Famiglia* li kienet ilha mwaqqfa sa mill-1888. Fost l-imseħbin kien hemm 129 Maltin. Ma setax jonqos li kien hemm ukoll il-*Juventus Antoniana* għaż-żagħżagħ, li f’rapport tal-1924 President u Segretarju kienu l-Maltin P. Agius u A. Zammit. Din il-għaqda fl-1925 waqqfet *Cinema Teatro*; u fl-1930 jidher bħala President tagħha Albert Zammit.

Fl-1859, waslu f’Lixandra sitt Sorijiet Franġiskani immexxijin minn Swor Katerina Troiani. Dawn dlonk saru magħrufin bħala s-Sorijiet Franġiskani ta’ l- Egittu, u Katerina Troiani, illum hija Beata. Kemm damu Lixandra qagħdu fid-dar tal-koppja Maltija Salvatore u Maria Gatt. Din għenithom ukoll biex sabu dar fi Clot Bey, il-Kajr. Hawn kien l-ewwel kunvent tagħhom minn fejn ma damux ma xterdu ma’ l-Eġittu. Salvatore Gatt kien il-benefattur li sellef flusu lill-patrijiet biex setgħu jibnu l-kunvent tagħhom ta’ S. Katerina. Fl-1885 il-kunvent ġie mżejjen b’arloġġ kbir maħdum minn Mikielanġlu Sapiano, il-famuż arluġġar Malti minn Ħal Luqa. B’fortuna dan l-arloġġ għandu jinsab qawwi u sħiħ sa llum. Sapiano ħadem ukoll l-arloġġ tal-kampnar b’ħames faċċati. Fuqu nsibu l-kitba: *Per Commissione del Guardiano / M.R.P. Antonio da Tivoli / Michelangelo Sapiano Maltese / Questo Orologio Fece in Malta C. Luca / A.D. 1888-1889.* Kien tqiegħed f’postu minn Patri Baskal minn Malta. Fl-1951 ġie restawrat u mnaddaf. Ħasra li llum minħabba d-diffikultà biex jingħata l-ħabel hu mitluq.

Fl-1862 jingħad kemm din il-komunità Maltija kienet organizzata sew, bil-festi u l-priedki bil-Malti. Nhar it-8 ta’ Diċembru 1874, P. Ġorġ Spiteri, bin emigranti Maltin f’Lixandra qaddes l-ewwel Quddiesa tiegħu f’Santa Katerina. Fil-festi prinċipali l-Maltin kien ikollhom il-ħin tagħhom u l-priedki bil-Malti. L-eżerċizzi kienu jsiru fir-raba’ ġimgħa tar-Randan, żewġ korsijiet, wieħed għan-nisa u ieħor għal rġiel. Lanqas ma naqsu festi speċjali bħal meta, bħala sudditi ingliżi, iċċelebraw bil-kbir il-Ġublew tal-Fidda tar-Reġina Vittorja: tkanta solennement it-*Te Deum,* sar talb għar-Reġina u ingħatat il-Barka Sagramentali mill-Arċisqof Mons. Anacleti Chicaro, Vigarju Apostoliku ta’ l-Eġittu. L-istess għamlet il-Kolonja Maltija fl-1911 meta telgħa fuq it-tron ir-Re Ġorġ V. Imma t-tifkira tal-Ġublew tar-Reġina li saret fl-Muski baqgħet imfakkra f’żewġ fontijiet ta’ l-ilma mbierek li fuqhom il-Maltin naqqxu s-Salib ta’ Malta u kitbu: *In Commemorazione / del Giubileo di S.M / la Regina Vittoria / la Colonia Maltese del Cairo offre / 25 giugno 1887.*

Lejn tmiem is-seklu, fl-1897, meta superjur kien P. Ġann Evanġelista Spiteri, l-komunità tal-kunvent-parroċċa ta’ Santa Katerina kienet magħmula minn 14 il-saċerdot u 10 ajkijiet. Il-Pro-Vigarju Apostoliku spiss kien ikun patri Malti. F’kull attività u ċelebrazzjoni l-Maltin ma

kienux jonqsu li jagħtu s-sehem tagħhom. Fl-4 ta' Frar 1923, f'akkademja *musico-letteraria* f'ġieħ il-Kustodju ta' l-Art Imqaddsa P. Ferdinando Diotallevi, barra l-Maltin fl-i*scola cantorum* ta' Santa Katerina, kantat is-sopran Ines Bajada, akkompanjata fuq il-pjanu minn M. Bajada. Fl-1935 (6 ta' Mejju) il-Komunità Maltija fakkret ukoll il-Ġublew tar-Re f'S. Katerina, u mill-ġdid fit-28 ta' Jannar ta' wara b'Pontifikal solenni ċċelebrat minn Mons Igino Nuti. Kien preżenti l-Konslu l-Kav. F. Bianchi, u ħafna Maltin. Tkanta wkoll il-*God save the King.* Meta miet ir-Re Ġorġ VI, il-Maltin nhar is-7 ta' Frar 1952, għamlulu tifkira funebri u talb. Kien hemm min ipprotesta għaliex il-Maltin ħarġu l-inviti f'isem l-isqof, u terga' r-Re kien Protestant! [E202] Iżda meta mietet Mary ir-Reġina Omm, mill-ġdid il-komunità Maltija, nhar il-31 ta' Marzu 1953, għamlu l-istess talb għal ruħha. Jingħad li tkantaw il-*Pange lingua, Miserere, Tantum Ergo u Parce Domine.* Fl-istess sena nhar it-3 ta' Ġunju tkanta *Te Deum* solenni fl-okkażjoni tat-tlugħ fuq it-tron tar-Reġina Eliżabetta II. Minħabba l-kriżi li kienet għaddejja tal-Kanal tas-Suez, kien hemm għadd kbir ta' pulizija.

Minn nofs is-seklu XX jibda ż-żmien ta' taqtiegħ il-qalb. Il-Għarab bil-barka tal-pulizija, għal kull xejn minħabba l-qagħda politika, kienu jqumu għall-Ewropej. Hekk ġara nhar l-20 ta' Mejju 1921 meta ħafna, fosthom Maltin, kellhom iħallu djarhom u jitrekknu fil-kunvent tal-patrijiet. Dik is-sena kienu tħassru l-festi ta' *Corpus* u tal-Madonna tal-Karmnu. Il-gwerra kompliet tressaq lejn it-tmiem ta' din il-kolonja kbira Maltija. F'Lulju 1942 kien fadal biss 4 patrijiet, għaliex ukoll dawk Taljani spiċċaw f'kampijiet ta' konċentrament mill-Ingliżi f'Fayed. B'danakollu l-Maltin li kien fadal baqgħu ma' djul din il-knisja tagħhom. F'din is-sena ta' biza' (1942) iċċelebraw ukoll it-tifikra ta' l-Assedju l-Kbir fis-7 ta' Settembru, kif ukoll saru l-eżerċizzi bil-Malti.

Fl-ewwel snin ta' wara l-gwerra l-komunità Maltija ta' Lixandra, nhar is-7 ta' Ottubru 1947, ferħet ma' Dun Salv Caruana, bin din il-parroċċa, membru tas-Soċjetà ta' San Pawl, li ġie biex iqaddes solenni fil-Knisja fejn trabba. Minkejja li n-nies bdiet tonqos ġmielha, beda jsir minn kollox biex terġa' tqum fuq tagħha l-ħajja parrokkjali li kien hemm qabel. Komplew isiru t-tifkiriet Maltin tas-soltu, l-eżerċizzi, u s-sehem tal-Maltin kien jidher ġmielu. Il-*Juventus Antoniana,* "il-Ħobż ta' S. Antnin", tkomplew bis-saħħa tal-Maltin li kien għad fadal. Fil-15-17 ta' Lulju 1954 tfakkar iċ-ċentenarju mit-twaqqif tal-Fratellanza tal-Karmnu, imma issa l-Maltin ma kienx fadlilhom il-kappillan tagħhom. Nhar it-18 ta' Lulju sar il-għeluq tal-festi b'Pontifikal solenni mill-Vigarju Apostoliku Mons. Jean Cayer. Ħadet sehem il-Band Maltija "La Valletta", u l-*Boy Scouts.* Ta' min iżid li għal din l-okkażjoni ċentenarja, il-ħitan tal-Kappella ġew miksijin bl-irħam. Rettur kien Francesco Friggieri, ż-żewġ assistenti kienu Emmanuele Abela u Spiridione Zammit, u Giovanni F. Debarro Segretarju, Nicola Pace u Lorenzo Madiona Prokuraturi, Antonio G. Luca, Mario H. Grech, Isidore Beraq, Giovanni Caruana, Antonio Aquilina, Paolo Urso, Edgar Cini, Salvatore Camilleri, Giuseppe Inglott kienu Membri. Ġie stampat ukoll ktieb ta' tifkira ta' 56 paġna. Il-Banda Maltija "La Valletta" nhar it-18 ta' Settembru ta' l-istess sena fakkret ukoll il-50 sena mit-twaqqif tagħha. P. Nikola Magro qaddes, imma ppriedka l-P. Gwardjan bit-Taljan. Iż-żminijiet kienu tbiddlu! Minn rapport għas-sena 1955 jidher li l-Parroċċa kollha, li issa kienet laqgħet fiha dawk l-Ewropej mill-parroċċi li kienu żvojtaw, u li din ta' Santa Katerina qed jingħad li tħaddan fiha l-belt kollha ta' Lixandra, fadlilha biss madwar 11,000 ruħ. Jingħad li kull ħidma qed tnin bil-mod il-mod, u l-Maltin telqu mill-Egittu. "Il-parroċċa qed tiċkien kuljum, …kulħadd qed idabbar rasu!" F'Santa Katerina ma jissemmiex aktar il-patri Malti, Malti ta' Malta jew Malti ta' l-Eġittu. Il-Fratellanza tal-Karmnu fl-1959, jingħad li hi kważi mejta għal kollox. L-aħħar patri li jissemma' li ppriedka t-Tridu tal-

Festa tal-Karmnu u mexxa wkoll il-festa kien P. Anton De Giovanni, fl-1960, u mill-ġdid fl-1963.

Minkejja ż-żmien ħażin li kien waqa' fuq l-Ewropej ta' l-Eġittu fis-snin ħamsin, il-patrijiet Maltin komplew il-ħidma tagħhom kulfejn imxew l-emigranti. Illum din il-parroċċa antika, hija fost l-aktar ħajjin f'Lixandra. Matul is-snin 1994-95 sar restawr estensiv tal-Knisja. B'xorti tajba għalina l-Maltin, berikha mill-ġdid in-Nunzju Apostoliku Mons Arċisqof Paul Giglio nhar il-Ħadd 29 ta' Ottubru 1995. Preżenti wkoll dak inhar kien hemm P. Ġorġ Aquilina.

Fl-1953 insibu lil P. Ġużepp Cremona jaqdi lill-insara minn dar u kappella fiż-żona industrijali ta' *Kafr el Dawar*, Lixandra stess, żona li kienet magħrufa bħala l-*Egyptian Manchester*.

## Lixandra: San Francesco alla Marina

Fl-1910 jingħad li fl-iskola *Collegio di Terra Santa,* kien jgħallem l-Ingliż Ugo Caruana Nani. Il-Maltin kellhom hawn għaqda drammatika li fl-1911 kienet ħadmet id-dramm *Tommaso Moore,* miktub minn P. Nicolò Brancatelli, bil-mużika ta' P. Augusto Facchini. L-atturi kienu: Antonio Bartolo, Alberto Camilleri, Salvatore Cachia, Francesco Gauci, Giuseppe Sciberras, Giuseppe Cachia, Giovanni Attard, Carmelo Calleja, William Gauci, Pio Attard, Francesco Gauci, Luigi Scerri u l-aħwa Savona.

Nhar it-23 ta' Novembru 1919 il-knejjes filjali ta' Santa Katerina, fosthom din ta' San Franġisk, saru parroċċi indipendenti bit-territorju parrokkjali tagħhom, u S. Katerina Kattidral. L-insara Ewropej ġew mitlubin li jagħażlu ma' liema minnhom iridu jagħmlu sehem. Ħafna Maltin għażlu San Franġisk, li kienet fil-qalba tal-port u fejn kienu jgħammru l-kotra tagħhom. P. Ġużepp Vella kien l-ewwel kappillan tal-Parroċċa. Din il-knisja l-Maltin kienu jqisuha tagħhom u mhux l-ewwel darba li nqala' l-inkwiet ma' Ewropej oħrajn. Fil-11 ta' Diċembru 1925 għamlu xi storbju fil-knisja u heddew li fit-13 tax-xahar kienu ser jipprotestaw fil-Quddiesa tal-11.00 a.m.. Sa waslet intalbet il-għajnuna tal-Konslu Ingliż u ta' l-awtorità militari. Dawk li qalgħu l-inkwiet kienu Giovanni Fenech, Tancredi Zammit, Giuseppe Micallef, Gauci u Mazza, li lkoll jidher li kienu appoġġjati minn P. Ġużepp Vella, il-kappillan tagħhom.

Patrijiet Maltin f'din il-Parroċċa nsibu lil: P. Vinċenz Xuereb (1891-1897); P. Bernardin Agius (1901-19020; P. Serafin Scerri (1902-1905); P. Leone Ferro (1908-1910); P. Ġakkin Demicoli (1910-1920); P. Ġużepp Cremona (1940-?) fiż-żmien iebes tal-gwerra. Intlaqat iċ-ċentru parrokkjali li kellu jitwaqqa' għal kollox, u ntlaqat waħda sew il-kampnar tal-knisja. Wara, n-nies tferrxet u l-parroċċa kellha twaqqaf għal xi żmien il-ħidma tagħha.

Maltin oħrajn ippreferew li jibqgħu mall-parroċċa ta' S. Katerina, kif jixhdu r-reġistri parrokkjali, u f'parroċċi oħra. Fl-i*Status animarum* ta' Diċembru 1924, jidher li kien hemm 23,000 ruħ, u l-akbar komunitajiet kienu dik Taljana u Maltija. Mhux ta' b'xejn li l-Vigarju Apostoliku Mons. Nuti f'Jannar ta' qabel kien ordna li l-katekiżmu għandu jkun imgħallem bil-lingwa Maltija. Il-Maltin li kien fadal f'Lixandra kienu mferrxin ġmielhom. Meta reġgħu lura lejn il-parroċċa ta' Santa Katerina intwera kemm kien għad fadal ftit. Hawn f'San Francesco fl-1933 jingħad li kien hawn 20,000 ruħ u l-akbar kienu it-Taljani u l-Maltin.

F'din il-Parroċċa nsibu l-Fratellanza tar-Ružarju, il *Pia Unione di S. Antonio,* il-Fratellanza ta' l-Erwieħ, u fit-8 ta' Mejju 1935 bdiet Fratellanza oħra tal-Beatu [San] Salvatore minn Horta, bil-għan li tieħu ħsieb li tgħin lit-tfal foqra. Kellha bħala President lil Tereża

Darmanin u l-bqija tal-membri kienu kollha Maltin: Pawlu Agius Teżorier, Olympia Aloi Segretarja u Cecilia Lombardo, Marta Farrugia, Giovanna Tonna u Concetta Tonna membri.

Fl-1950, din il-knisja parroċċa qrib il-Port, imferrxa ma' toroq dojoq u sqaqien antiki, fejn għammru ħafna ħaddiema Maltin malli dawn rifsu l-Eġittu, issa qed jingħad li hi żona abbandunata u mġarrfa. Is-sena ta' wara, l-Vigarju Apostoliku ordna li r-Reġistri tal-Parroċċa jittieħdu Santa Katerina. Minn ħarsa lejn l-i*Status animarum* wieħed jara l-waqtiet differenti, kif kibret u kif mietet: (1923): 3700 ruħ; (1925): 5000; (1927): 5600; (1928): 5500; (1929): 5000; (1931): 4500; (1932): 4000; (1937); 4400; (1940): 20. Din iż-żona twaqqgħet u nbniet mill-ġdid. Il-Knisja ta' San Franġisk, il-knisja tal-Maltin bil-kunvent tal-patrijiet Franġiskani, għadha hemm, tkompli l-ħidma tagħha.

### Bacos

Meta saret il-parroċċa tal-Vitorja f'Bacos, li kienet filjali ta' Santa Katerina, jingħad li kellha 2000 nisrani li l-biċċa l-kbira minnhom kienu Taljani u Maltin.

### Ibrahimieh

L-ewwel knisja kienet imsemmija għad-Duluri u kien hemm numru ġmielu ta' Maltin ukoll. Dan jidher mill-fatt li meta Mons. Igino Nuti qiegħed l-ewwel ġebla tal-Knisja l-ġdida, fost dawk li iffirmaw isimhom fuq il-parċmina li tqegħedet fiha kien hemm l-ismijiet ta': Ugo Laferla, P. Ġwann Marija Grech u P. Rafel Attard. L-isem tad-Duluri inbidel f'dak tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, u ċertu Malti Fenech kien ħallas għall-istatwa titulari. Dan kien benefattur tal-knisja, li meta miet difnuh fil-kripta tagħha. Fl-1934 (4-12 ta' Marzu), il-Maltin ħonqu l-Knisja għall-eżerċizzi bil-Malti li ippriedkhom P. Ġużepp Cauchi.

Nhar is-16 ta' Lulju 1922 l-istess Vigarju Apostoliku waqqaf hawn il-Fratellanza ta' l-Erwieħ tal-Purgatorju u approva l-iStatuti tagħha.

Din il-parroċċa kbira messitha x-xorti tal-parroċċi l-oħrajn. Fl-1959 jingħad li kien fadlilha 3141 ruħ. "Numru mhux ċert, għaliex in-nies qed titlaq kuljum bla ma biss tavża", jingħad fir-rapport. Maltin huma reġistrati 75. Din il-Knisja għadha tiffunzjona sa llum.

### Il-Kajr: Muski

Fil-21 ta' Jannar 1822 fil-Knisja Parroċċa ta' l-Assunta tgħammed Nunzjat bin Angelo Borda u Barbara Mercieca, li kellu bħala parrini lil Feliċ Mercieca u Ġeltrude Abela. It-tieni magħmudija f'din il-parroċċa kienet dik ta' Concetta, bint Ġann Nikol Vella u Katerina Briffa. Il-parriniet kienu Ġakkin Sajan u Vincenza Cassar. Qabel dawn it-tnejn, fl-istess parroċċa fl-1821 ġie imgħammed Anton bin Michele de Procida u Pawla (…) Maltija, u Marija bint Antonio Gas de Lira u Lorenza Pellegrini. Hawn għandna koppji t-tnejn Maltin, u oħrajn Maltin miżżewġin ma' barranin. Fl-istess żmien jibdew iż-żwiġijiet ta' Maltin ma' Maltin u Maltin ma' barranin. Hawn fil-Muski niltaqgħu mall-kunjomijiet: Velasquez, Micallef, Daclò, Grima, Vella, Cauchi, Busuttil, Gonzi, Darmanin, Portelli, Abela, Agius, Azzopardi, Montebello. L-ewwel tfal Maltin li rċevew hawn il-Griżma ta' l-Isqof kienu: Aquilina Angelo, Aquilina Michele, Aquilina

Francesco, Attard Giovanni, Attard Marija, Aquilina Katerina u Abela Giuseppe. L-ewwel żewġ Maltin li mietu hawn kienu żewġt itfal Vincenzo bin Michele u Angela Abela, u Giovanni bin Fortunat u Grazzja Prevost.

F'Ġunju 1835 din il-Kolonja Maltija intlaqtet sew bil-marda tal-kolera. Mietu 72 ruħ. Wieħed jista' jara isimhom fir-reġistru ta' l-imwiet fil-parroċċa tal-Karmnu. Jingħad ukoll li kienu lkoll nies foqra li kienu ġew l-Eġittu biex ifittxu x-xogħol. Fl-1852 ingħata bidu għall-bini ta' knisja ġdida, li l-bennej tagħha kien ukoll Fra Nikola Borg.

Minkejja dan il-progress u n-numru kbir ta' Ewropej (fl-1882 fil-parroċċa kienu reġistrati 80,000 ruħ), lanqas ma naqset l-ostilità politika u reliġjuża. F'din is-sena jingħad li bosta ħarbu mill-ġdid lejn pajjiżhom u ma rritornawx qabel ma l-Ingliżi rnexxielhom jikkalmaw it-Torok. Din ir-rewwixta li bdiet minn Lixandra kienet ġriet ma' l-Eġittu kollu. Is-Sorijiet Franġiskani telqu lejn il-Kajr u minn hawn lejn l-Italja, imma Marija Ludovika Battail, Maltija mwielda Lixandra, Marija Carmela Ellul, Marija Euġenja Zammit u Ġeltrude Darmanin imwielda wkoll Lixandra, dawn ġew Malta.

Nhar it-12 ta' Lulju 1939 P. Ġużepp Cremona, bin il-Maltin ta' Lixandra, qaddes hawn f'din il-parroċċa ta' l-Assunta l-ewwel Quddiesa tiegħu. It-tmiem ta' din il-parroċċa, bħall-oħrajn li kienu prinċipalment għall-emigranti Ewropej, bdiet in-niżla tagħha mis-sena 1951, hekk li f'Ottubru 1955 il-Maltin kienu forzati li jħallu l-Eġittu. L-aħħar żwiġijiet ta' Maltin reġistrat hawn kien bejn Aldo Farrugia u Lydia Baldacchino, it-tnejn imweldin il-Kajr; Aldo Amato, Taljan u Georgette Baldacchino, it-tnejn mnn Port Said; Egyptius Fazio, Taljan u Teresa Carmela Cassar, mill-Kajr; Orfeo Paolo Fenech u Annetta Papossimina, mill-Kajr. Fit-8 ta' Marzu 1956, saret il-Griżma ta' l-Isqof; fost it-tfal kien hemm Marija Teresa Muscat, Decesare Georgina, u Decesare Domenico, minn din il-parroċċa tal-Muski. L-aħħar tarbija Maltija li tgħammdet hawn kienet bint Orfeo Paolo Fenech, li hu wkoll mill-aħħar li żżewġu hawn. Fl-1972 jingħad li kien fadal hawn 11 il-familja Maltija.

Illum f'dan il-kunvent tal-Muski jinsab il-*Franciscan Centre of Oriental Studies,* li ilu mwaqqaf mis-16 ta' Settembru 1954, Parroċċa, Ċentru Soċjali u skola.

**Kajr: Bulacc**

Fl-1830 jingħad li l-biċċa l-kbira ta l-insara hawn huma Maltin. Fl-1865 feġġet il-pesta u mietu ħafna nies fosthom Maltin u l-kappillan tagħhom P. Ġużepp Fenech minn Birkirkara. L-istess ġara fl-1883 meta ħalla ħajtu waqt li kien jaqdi dmiru jdur bil-morda bil-pesta Patri Rafel Callus mill-Belt Valletta. Kellu biss 46 sena u kien l-uniku saċerdot Malti fil-Kajr.

Sa mill-1852 il-patrijiet mill-Muski kienu jiġu jqaddsu fil-Ħdud u l-festi, u jingħad li l-biċċa l-kbira ta' l-insara kienu kollha Maltin. Fl-1864 il-Maltin bnew il-knisja u l-kunvent. L-ewwel dar Franġiskana fil-Bulacc, imsemmija għall-Madonna tal-Karmnu, inxtrat minn Patri Paċifiku Pace minn Ħaż-Żabbar, u l-benefattur ewlieni kien ċertu Galea. Hawn is-Superjur kien kważi dejjem patri Malti. Wara P. Paċifiku, jissemmew il-patrijiet: Giovanni Grech (1889-1904), Vinċenz Xuereb (1904-1907), Ġelandrì Xuereb (1907), Ġużepp Vella (1909-1910), Bernardin Agius (1920-22), Leonardu Zammit (1922-23), Serafin Xerri (1923-28). Il-Knisja mġedda u mkabbra tbierket minn Mons. Corbelli nhar it-8 ta' Frar 1891, u jingħad li kienet imżejna bil-pittura ta' l-artist Malti Giuseppe Bonnici. Il-kampnar tlesta wkoll. Il-kronista jgħid li l-Maltin ħarġu tassew ta' rġiel! Din infirdet mill-Muski u saret parroċċa indipendenti fl-1919, u minn 3500 ruħ, 980 kienu Maltin.

Fl-1890 jingħad li hawn il-festa tal-Madonna tal-Karmnu, Titular tal-Knisja, kienet issir bil-kbir. L-altar kien ta' l-injam indurat bid-deheb u l-fidda, b'quddiemu lampier tal-fidda, u sett ta' 12 il-gandlier tal-metall li żżanżnu f'dik is-sena. Fil-purċissjoni ħadu sehem numru kbir ta' fratelli, abbatini u kleru, flimkien ma' bosta nies. It-toroq kienu mżejnin bil-bnadar u dwal, ħruq ta' murtali u saret festa kbira. Dak inhar il-mużika kienet f'idejn il-Brothers ta' De La Salle [E143-44]. L-istess festa kbira għandna ħjiel tagħha wkoll fl-1932 fi żmien il-kappillan P. Valentin Cardona.

Fis-7 ta' Frar 1926, meta kien kappillan tal-parroċċa P. Serafin Scerri tqegħedet l-ewwel ġebla tal-Knisja l-ġdida, iddedikata lill-Madonna tal-Karmnu u lil San Ġorġ. Din tbierket nhar is-27 ta' Jannar 1929. Fost id-diskorsi li saru ma setax jonqos li sar wieħed bil-Malti wkoll. Din il-parroċċa jingħad li kienet espressament "tal-Maltin" [E180]. Tletin sena qabel, kappillan ieħor P. Ġwann Grech, kien ukoll bena knisja *f'Chara Matbaa-El Ahija*, imma meta żdiedu l-Għarab, l-insara, prinċipalment Maltin, kellhom idabbru rashom f'post ieħor.

Fost il-kappillani nsibu lil: P. Pacifiku Pace (1888); P. Ġwann Marija Grech (1889-1904); P. Vinċenz Xuereb (1904-1907); P. Ġelandrì Azzopardi (1907); P. Ġużepp Vella (1920-1922); P. Leonardu Zammit (1922-1923); P. Serafin Scerri (1923-1928).

Fis-6 ta' Settembru jingħad li saret hawn it-Tifkira ta' l-Assedju l-Kbir ta' l-1565. Il-Knisja kienet mimlija bil-Maltin, u fuq quddiem il-Konslu Ingliż Mr. Cook. Id-Diskors ta' Tifkira għamlu bil-Malti P. Valentin Cardona. Ħadet sehem ukoll orkestra kbira. Din it-tifkira kienet issir ukoll Lixandra b'Quddiesa għal dawk li tilfu ħajjithom fl-Assedju.

Illum dan il-Kunvent u Knisja tal-Karmnu jiġbor fiħ diversi attivitajiet soċjali li twettaq il-Provinċja Franġiskana ta' l-Eġittu, hemm skola u l-Knisja hi ukoll parroċċa.

## Port Said

Il-Kanal tas-Suez beda jsir fl-1859, u sa mill-bidu fost il-ħaddiema jissemmew il-Maltin li kellhom il-kappillan tagħhom ukoll. Fl-1863 waqt il-Viżta Pastorali tal-Vigarju Apostoliku, li kien qed jagħmel il-Kajr, ittieħed f'Port Said fejn qaddes fil-Kappella privata li kellu ċertu Naudi mwieled Malta. Din il-parroċċa kibret f'salt wieħed. Fl-1924 kellha 8000 ruħ. Hawn ukoll l-akbar festa li kienet tiġi ċelebrata kienet dik tal-Karmnu, u dik ta' Sant'Antnin. Jingħad li nhar it-13 ta' Ġunju 1926 saret festa kbira, hekk li l-istatwa tal-qaddis daħlet fil-knisja tard ħafna. Ħadu sehem fil-purċissjoni tlett baned lokali u n-nar inħadem mill-Malti Carmelo Vella. Il-*Juventus Antoniana* kienet tieħu sehem attiv f'din il-festa, u fost l-organizzaturi fl-1929 jissemmew Bonnici, u tfajliet A. Bianchi, T. Grima, V. Grima u Spiteri. Fost il-benefatturi ta' din il-knisja jissemma' l-Malti Giovanni Troisi.

Fil-31 ta' Diċembru - 2 ta' Jannar 1926 hawn il-ftuħ tal-festi li jfakkru s-VII Ċentenarju mill-mewt ta' San Franġisk. Patri Leonardu Zammit għamel paniġierku "bl-istil malti" ta' siegħa! Bejn is-17-29 ta' Jannar saru l-festi f'Moharrem Bey, fl-Lixandra, li mexxihom il-Vigarju Apostoliku Delegat P. Rafel Attard, fejn ħadu sehem numru kbir ta' Terzjarji Franġiskani. Fil-Muski, l-Kajr saru bejn l-10 u 13 ta' Jannar u bil-Malti ipprietka P. Valentin Cardona. Mis-17-20 ta' Frar saru Lixandra f'San Franġisk *alla Marina*, fejn għall-Maltin ippriedka P. Bernardin Zammit. Dawn it-tifkiriet Ċentenarji ntemmu f'Santa Katerina f'Lixandra. Saret purċissjoni bis-Sagrament, tkantaw innijiet, fosthom bl-Malti u ħadet sehem il-Banda tal-Maltin "La Valletta".

P. Mark Sammut Malti ta' Lixandra jingħadd fost dawk li l-aktar li ħadmu ma' din il-komunità. Qablu kien hemm P. Ġorġ Spiteri (1882-?); P. Bernardin Agius (1891-1894); P. Leone Ferro (1895-1897); P. Ġużepp Vella (1901-1902); P. Luiġi Bonett (1903-1910); P. Baskal Grech (1947-?); P. Epifanju Lewis (1947-?). Ma' dawn ta' min isemmi lil P. Karm Mercieca li kien iben il-Maltin ta' din l-parroċċa ta' Port Said.

Meta fi Frar 1940 kienu qed isiru t-tħejjijiet biex jitfakkru l-50 sena mill-bidu ta' din il-parrooċċa ta' Sant'Ewġenja, faqqgħet il-Gwerra. It-Taljani ttieħdu mill-Ingliżi f'kampijiet ta' konċentrament u wara ma ġewx lura, kif lanqas il-Maltin u l-Franċiżi ma rritornaw fis-snin ta' wara. Fl-1939 il-parroċċa kellha 9000 ruħ, fil-biċċa l-kbira tagħhom Maltin u Taljani, u komunità ta' 10 patrijiet. Parroċċa ħajja b'żewġ festi kbar: S. Antnin f'idejn it-Taljani u tal-Karmnu f'idejn il-Maltin. Fi ftit taż-żmien "ħâret il-maltija" tbattlet.

Din il-parroċċa ta' Sant'Ewġenja fl-1963 kien fadlilha biss 55 familja li flimkien iwasslu għal 116 il-ruħ. Maltin kien fadal 5 familji, 13 ir-ruħ kollox.

Illum din il-parroċċa reġgħet ħadet il-ħajja u l-Franġiskani Eġizzjani jmexxu minn hawn kemm il-attività soċjali, marbutin maż-żona tal-port.

**Suez**

Sa mill-1881 jingħad li kien hemm il-patri kappillan tal-Maltin [E135]. Nhar il-15 ta' Diċembru ġiet inawgurata l-Knisja l-ġdida, li kellha 1600 ruħ. Kappillan tal-Kolonja Maltija kien P. Ġwann Marija Grech. Warajh insibu lil P. Baskal Galea (1882-1883); P. Serafin Scerri (1887-1898); P. Victor Debarro (1903-1904); P. Leone Ferro (1905); P. Daniel Debattista (1907-1910); P. Leonardu Zammit (1926-1930); P. Bernardin Zammit (1933-?); P. Ġużepp Gauci (1937-?). P.Baskal Grech (1933-?); P. Isaija Busuttil (1947-1951); P. Epifanju Lewis (1951-?). P. Leonardu Zammit fakkar il-25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Ħadet sehem l-orkestra tas-Suez, u l-kor tmexxa mill-Professur [Ugo Abela] Hyzler tal-Kajr. Illum din ir-residenza tiġbor fiha l-parroċċa bi skola u attivitajiet soċjali oħra.

**Il-Kajr: Ismailia**

Il-Knisja ta' hawn kienet iddedikata lil San Ġużepp. Fl-1903 filwaqt li jingħata tagħrif dwar il-festa ta' *Corpus Domini* li kienet saret bil-purċisssjoni barra, jingħad li fil-komunità parrokkjali kien hemm ukoll il-Maltin. Fir-reġistri tal-Parroċċa jingħad li fl-1909 il-Maltin kienu 258, ġew reġistrati 33 twelid, 33 mewt u 10 żwiġijiet. Illum ukoll din għadha tiffunzjona.

**Il-Kajr: San Ġużepp**

Il-patrijiet Maltin, sudditi Ingliżi, fi żmien il-gwerra, spiċċaw kollha superjuri flok it-Taljani u Ġermaniżi. P. Valentin Cardona fl-1943 insibuh Kappillan u Gwardjan ta' San Ġużepp fil-Kajr. P. Karm Mercieca nsibuh f'Lixandra, P. Ġużepp Cremona *alla Marina*, u P. Baskal Grech (1946) f'Sant'Ewġenja, Port Said. Meta dritt wara l-gwerra, fl-1946, sar xogħol fuq il-bini tal-knisja, ġie mqabbad il-perit Malti Zerafa.

Fl-1952 sar il-kolp ta' stat minn Naser u ftit wara jidher bħala Segretarju tan-Nunzju Apostoliku ta' l-Eġittu Mons. Emmanuel Gerada. Dan mill-ewwel kellu laqgħa mall-membri tal-Komunità Maltija fl-Eġittu, li s-Segretarju tagħha kien Ivan Magri Overend.

Din il-Parroċċa li għandha l-isbaħ u l-akbar Knisja u Kunvent fil-Kajr, ġabret fit-territorju tagħha dawk l-Ewropej mill-parroċċi li jew għalqu, jew għaddew f'idejn l-insara Għarab. Fl-1960 ingħata rapport ta' l-aħħar tliet snin: 1957-59: (1957) minn 64 magħmudija ma kien hemm l-ebda Malti; (1958) minn 73 kien hemm tnejn; (1959) minn 46 ma kien hemm ħadd lanqas. Fir-reġistru tal-mejtin insibu li: (1957) mietu 71, u minnhom 3 Maltin; (1958) 73, u Maltin 4, u (1959) minn 72, 3 kienu Maltin.

F'dan il-kunvent kbir u ċentrali tal-Kajr, il-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa minn dejjem ġabret fih il-formazzjoni ta' dawk iż-żgħażagħ li minħabba raġunijiet politiċi ma kienux jitħallew jidħlu Ġerusalemm. Fis-snin tmenin kien iservi ta' novizzjat. Hawn taw is-sehem tagħhom P. Raymond Camilleri u P. Marcello Ghirlando.

**Kelma ta' l-aħħar**

Għall-patrijiet Franġiskani Maltin din hija ġrajja ta' kważi tlett sekli u nofs [1628-1963] ta' preżenza f'din l-art u ta' aktar minn seklu u nofs ta' l-emigrazzjoni Maltija, sakemm dawn niesna, wara li laħqu integraw ruħhom mall-bqija tan-nies li għexet magħhom u ma' l-ambjent li laqagħhom, kellhom jitilqu bil-forza. Bosta ħallew warajhom dak li ħadmu għalih, u kellhom jibdew ħajja ġdida f'post ieħor. Dejjem iddistingwew ruħhom bħala Maltin u ħabbew l-ilsien ta' Malta, għożżewh u xandruh. Bil-passaport Ingliż kellhom ifittxu kenn fis-South Africa, Awstralja, il-Kanada, l-Amerika u l-Ingilterra. Imma mhux f'Malta, lanqas dawk li kienu twieldu Malta, jew kellhom hawn lil nieshom, (neħħi il-għażla ta' ftit). Veru li Malta kellha l-problemi tagħha ta' nies li riedet li kieku jemigraw. Imma illum b'sens ta' għajb u mistħija ngħidu, li l-Gvern Kolonjali u l-Gvern Malti [1957] lanqas biss offrewlhom kenn temporanju, kif kien ġie suġġerit fl-Assemblea Leġiżlattiva, Insomma, Malta li tant kienu jiftaħru biha, għalqitilhom il-bieb f'wiċċhom! P. Epifanju Lewis baqa' mar-refuġjati fl-Ingilterra (1957), u warajħ bdiet il-ħidma ta' P. Dumink Coppola bil-*Malta Catholic Centre.* P. Dumink kien ilu l-Ingilterra mill-1951. Imma din hija ġrajja oħra.